**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Doriette Cuschieri]**

**vs**

**Svezdin Catania**

**Kumpilazzjoni Numru: 204/18**

**Illum, 18 ta' Gunju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Svezdin Catania detentur tal-karta tal-identita` numru 400694M akkuzat talli fit-23 ta' Frar 2018 u fil-granet ta' qabel, fil-hanut bl-isem ta' Cherpol, fi Triq il-Kbira, Hal Qormi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew
2. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

3. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;
4. bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;
5. bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-Trademarks, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbilit mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 298(1)(a), 298(1)(c) u 298(1)(f) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 72(1)(b) u 72(1)(c) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. DC4 u nnutat li l-imputat Svezdin Catania m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tal-lum l-imputat ddikjara li huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Stante ammissjoni tal-akkuzi kollha mill-imputat u stante li l-fedina penali hija wahda netta u li l-imputat ikkoopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni, il-Qorti ssib lill-istess imputat Svezdin Catania hati tal-akkuzi kollha kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum filwaqt li tordna d-distruzzjoni tal-oggetti kollha konfiskati mill-Prosekuzzjoni.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

__________________________________

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**